Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/42/KEE

tal-21 ta' Mejju 1992

dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-misħun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi

(ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/68/KEE tat-22 ta' Lulju 1993	L 220	1	30.8.1993
►**M2**	Id-Direttiva 2004/8/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004	L 52	50	21.2.2004
►**M3**	Id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005	L 191	29	22.7.2005
►**M4**	Direttiva 2008/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008	L 81	48	20.3.2008

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/42/KEE

tal-21 ta' Mejju 1992

dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-misħun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunita Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

B'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi d-Deċiżjoni 91/565/KEE ([4]) tipprovdi għall-promozzjoni ta' effiċjenza ta' l-enerġija fil-Komunità' taħt il-programm SAVE;

Billi huwa meħtieġ li jiġu mħeġġa miżuri bil-għan li jiġi stabbilit b'mod progressiv is-suq intern fil-perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern jikkomprendi żona mingħajr fruntieri interni, fejn il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa assigurat;

Billi r-resoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 1985 dwar it-titjib ta' programmi għall-konservazzjoni ta' l-enerġija fl-Istati Membri ([5]) tistieden lill-Istati Membri sabiex ikomplu u fejn ikun meħtieġ iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jippromwovu użu iktar razzjonali ta' enerġija permezz ta' żvilupp ulterjuri tal-politika integrata ta' konservazzjoni ta' enerġija;

Billi r-resoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 1986 tirrigwarda għanijiet ġodda tal-politika Komunitarja dwar l-enerġija għall-1995 u l-konverġenza tal-politika ta' l-Istati Membri ([6]), u b'mod partikolari l-għan li tittejjeb l-effiċjenza tad-domanda finali ta' enerġija mill-inqas bi 20 %;

Billi l-Artikolu 130r tat-Trattat jipprovdi li l-azzjoni Komunitarja li għandha x'taqsam ma' l-ambjent għandu jkollha l-għan li tiżgura li jkun hemm użu prudenti u razzjonali ta' risorsi naturali;

Billi huwa xieraq li jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni fi proposti għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati mill-liġi, minn regolamenti jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri, u li jirrigwardaw is-saħħa, is-sigurta', il-ħarsien ta' l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur;

Billi r-resoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 1989 tiddikjara li 'l-Komunità' għandha tqis sew il-bidla klimatika potenzjali konnessa ma' l-effett tas-serer ([7]) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 1990 jistqarru li l-emissjonijiet ta' CO^2 fis-sena 2000 għandhom ikunu stabbilizzati matul il-Komunità kollha fuq il-livelli ta' l-1990;

Billi l-importanza tas-settur domestiku u terzjarju, li jassorbi proporzjon kbir tal-konsum finali ta' enerġija fil-Komunità, hija konsiderevoli;

Billi dan is-settur ser isir iktar importanti minħabba tendenzi lejn sistemi ta' iktar sħana ċentrali u żjieda ġenerali fil-kumditá termali;

Billi t-titjib fl-effiċjenza tal-kaldaruni huwa fl-interess tal-konsumatur; billi l-konservazzjoni ta' l-enerġija għandha twassal għal inqas importazzjonijiet ta' idrokarburi; billi tnaqqis fid-dipendenza tal-Komunità fir-

([1]) ĠU Ċ 292, 22.11.1990, p. 8.
([2]) ĠU Ċ 129, 20.5.1991, p. 97 u ĠU Ċ 94, 13.4.1992.
([3]) ĠU Ċ 102, 18.4.1991, p. 46.
([4]) ĠU L 307, 8.11.1991, p. 34.
([5]) ĠU Ċ 20, 22.1.1985, p. 1.
([6]) ĠU Ċ 241, 25.9.1986, p. 1.
([7]) ĠU Ċ 183, 20.7.1989, p. 4.

▼B

rigward ta' l-enerġija għandu jkollu impatt posittiv fuq il-bilanċ tal-kummerċ tagħha;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 78/170/KEE tat-13 ta' Frar 1978 dwar kif jaħdmu l-ġeneraturi tas-sħana li jsaħħnu l-ispazju u l-produzzjoni ta' misħun f'bini industrijali ġdid jew eżistenti u dwar l-insulazzjoni tas-sħana u d-distribuzzjonioni domestika tal-misħun f'bini ġdid mhux industrijali ([1]), wasslet sabiex ikun hemm livelli ta' effiċjenza li huma sostanzjalment differenti bejn Stat Membru wieħed u ieħor;

Billi r-rekwiżit ta' effiċjenza għolja għal kaldaruni tal-misħun għandu jnaqqas il-firxa tal-karatteristiċi tekniċi ta' l-apparat imqiegħed fis-suq, b'mod li tiġi faċilitata l-produzzjoni ta' serje u li jkun hemm tifdil proporzjonat billi wieħed juża kwantitajiet ikbar; billi n-nuqqas ta' miżura li tistipula rekwiżiti ta' l-enerġija fuq livell li huwa għoli biżżejjed jista' jrriżulta, mat-tlestija tas-suq intern, fi tnaqqis sinjifikanti fil-livelli ta' effiċjenza ta' l-installazzjonijiet li jsaħħnu, u dan minħabba li jinfirxu fuq is-suq kaldaruni ta' effiċjenza baxxa;

Billi l-kondizzjonijiet klimatiċi lokali u l-karatteristiċi ta' l-enerġija u ta' okkupanza tal-bini ivarjaw ħafna fil-Komunità; billi l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw din id-diversità meta jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-użu tal-kaldaruni waqt li jimplimentaw din id-Direttiva; billi dawn iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw il-fatt li Stati Membri fejn kaldaruni ta' fuq wara u kaldaruni disinjati biex jiġu installati fiż-żona ta' l-għixien huma komunament installati fid-data ta' meta tiġi adottata din id-Direttiva għandhom ikomplu jawtorizzaw, f'limiti speċifiċi, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn il-kaldaruni; billi dawn l-arranġamenti għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza partikolari mill-Kummissjoni;

Billi din id-Direttiva, li hija immirata lejn l-eliminazzjoni ta' ostakoli tekniċi fir-rigward ta' l-effiċjenza tal-kaldarun, għandha ssegwi l-metodu l-ġdid stabbilit mir-resoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 ([2]) li tistipula speċifikament li l-armonizzazzjoni leġislattiva hija limitata għall-adozzjoni, permezz ta' direttivi ibbażati fuq l-Artikolu 100 tat-Trattat tal-KEE, tal-ħtiġiet essenzjali li magħhom għandhom jikkonformaw il-prodotti mqiegħda fis-suq u li 'dawn il-ħtiġiet essenzjali għandhom jinkitbu bi kliem preċiż biżżejjed li joħloq obbligazzjonijiet li jorbtu legalment li jistgħu jiġu enforzati u li jippermettu lill-korpi ta' ċertifikazzjoni li jiċċertifikaw li l-prodotti jikkonformaw, waqt li jingħata kont ta' dawk il-ħtiġiet fin-nuqqas ta' standards;

Wara li kkunsidra d-Direttiva 83/189/KEE ([3]) li tistipula proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards tekniċi u regolamenti;

Wara li kkunsidra id-Deċiżjoni 90/683/KEE ([4]) li tirrigwarda l-moduli għad-diversi fażijiet tal-proċeduri ta' l-evalwazzjoni ta' konformità li huma intenzjonati biex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika;

Billi l-kaldaruni li jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' effiċjenza għandhom juru l-marka KE u, fejn xieraq, sinjali sabiex ikunu jistgħu jiċċaqalqu liberament u sabiex ikunu jistgħu jintużaw b'mod konformi ma' l-iskop intenzjonat tagħhom ġewwa l-Komunità;

Wara li kkunsidra d-Direttiva 89/106/KEE ([5]) dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattvi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' prodotti tal-bini;

Billi l-ħtiġiet ta' effiċjenza li jinkoraġġixxu l-użu razzjonali ta' l-enerġija, kif stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 90/396/KEE tad-29 ta' Ġunju

([1]) ĠU L 52, 23.2.1978, p. 32. Direttiva emendata mid-Direttiva 82/885/KEE (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 19).
([2]) ĠU Ċ 136, 4.6.1985, p. 1.
([3]) ĠU L 109, 26.4.1983, p. 8; Direttiva l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 90/230/KEE (ĠU L 128, 18.5.1990, p. 15).
([4]) ĠU L 380, 31.12.1990, p. 13.
([5]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.

▼B

1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x' jaqsmu ma' apparati li jaħarqu karburanti gassużi ([1]) għandhom jiġu stabbiliti għall-kaldaruni tal-gass imsemmija f'din id-Direttiva,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva, li taqa' taħt il-programm SAVE li jirrigwarda l-promozzjoni ta' effiċjenza fir-rigward ta' l-enerġija fil-Komunità, tistabbilixxi l-ħtiġiet ta' effiċjenza applikabbli għal kaldaruni ġodda tal-misħun li jitħaddmu b'karburanti likwidi jew gassużi bi produzzjoni ratata ta' mhux inqas minn 4 kW u mhux iktar minn 400 kW, minnhawn iżjed 'l quddiem imsejjħa "kaldaruni'.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

— *kaldarun*: l-unità kombinata tal-*body-burner* tal-kaldarun, disinjat biex jitrasmetti fl-ilma s-sħana li tinħoloq mill-ħruq,

— *apparat:*

  — il-korp tal-kaldarun disinjat b'mod li għandu jintramalu *burner*,

  — il-burner ddisinjat b'mod li jista' jiġi armat mal-korp tal-kaldarun,

— *produzzjoni ratata effettiva (espressa bħala kW):* il-produzzjoni massima kalorifika stabbilita u garantita mill-manifattur bħala li tista' tiġi konsenjata waqt ħidma kontinwa u waqt li tikkonforma ma' l-effiċjenza utli indikata mill-manifattur,

— *effiċjenza utli (espressa bħala %):* il-proporzjon bejn l-produzzjoni ta' sħana trasmessa fl-ilma tal-kaldarun u l-prodott tal-valur nett kalorifiku bi pressjoni kostanti tal-karburanti għal kull unità ta' ħin,

— *tagħbija parzjali (espressa bħala %):* il-proporzjon bejn il-produzzjoni effettiva ta' kaldarun li jaħdem b'mod intermettenti jew bi produzzjoni iktar baxxa mill-produzzjoni effettiva ratata u l-istess produzzjoni effettiva ratata,

— *it-temperatura medja ta' l-ilma tal-kaldarun*: il-medja tat-temperaturi ta' l-ilma fid-dħul u fil-ħruġ tal-kaldarun,

— *kaldarun standard:* kaldarun li fir-rigward tiegħu t-temperatura medja ta' l-ilma tista' tiġi ristretta mid-disinn,

— *kaldarun ta' wara:* kaldarun disinjat biex jissupplixxi sistema ċentrali li ssaħħan u biex jiġi installat f'alkova ta' fuklar bħala parti minn kombinazzjoni ta' kaldarun ta' fuq wara/nar bil-gass,

— *kaldarun ta' temperatura baxxa*: kaldarun li jista' jaħdem kontinwament b'temperatura ta' provvista ta' l-ilma ta' 35 sa 40 °C, u li possibilment jipproduċi l-fwar f'ċerti ċirkostanzi, inklużi kaldaruni li jikkondensaw li jużaw karburanti likwidi,

— *kaldarun li jikkondensa bil-gass*: kaldarun disinjat biex jikkondensa b'mod permanenti il-parti kbira tal-fwar li jkun jinsab fil-gass ta' kombustjoni,

— *kaldarun li għandu jiġi installat fl-ispazju ta' l-għijxien*: kaldarun bi produzzjoni ratata effettiva ta' inqas minn 37 kW, disinjat biex jipprovdi s-sħana lill-parti ta' l-ispazju ta' l-għixien fejn ikun installat permess ta' l-emissjoni ta' sħana mill-qoxra ta' barra li jkollu kompartiment miftuħ ta' espansjoni, li jissupplixxi l-misħun permezz ta' ċirkolazzjoni li taħdem bil-gravità; kaldaruni ta' din ix-

([1]) ĠU L 196, 26.7.1990, p. 15.

▼B

xorta għandhom juru fuq il-qoxra ta' barra tagħhom li għandhom jiġu installati fl-ispazju ta' l-għixien.

Artikolu 3

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi minn din id-Direttiva:

— kaldaruni tal-misħun li jistgħu jitħaddmu minn karburanti differenti, inklużi karburanti solidi,

— apparat għat-tħejjija instantanja ta' misħun,

— kaldaruni maħsuba li jitħaddmu b'karburanti li l-proprjetajiet tagħhom ivarjaw b'mod sostanzjali mill-proprjetajiet tal-karburanti likwidi u gassużi li komunament jinsabu fis-suq (gass minn skart industrijali, biogass, eċċ),

— kukers u apparat disinjati prinċipalment sabiex isaħħnu l-post fejn ikunu installati u li, bħala funzjoni sussidjarja, jissupplixxu misħun għas-sistema tas-sħana ċentrali u misħun sanitarju,

— apparat bi produzzjoni ratata ta' inqas minn 6 kW li jużaw ċirkolazzjoni li taħdem bil-gravità u li huma disinjati biss għall-produzzjoni ta' misħun sanitarju maħżun,

— kaldaruni manifatturati f'unit sħiħ,

▼M2

— unitajiet ta' koġenerazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuqid-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija(20).

▼B

2. Fil-każ ta' kaldaruni b'funzjoni doppja, dik li jsaħħnu l-fond u li jipprovdu wkoll misħun sanitarju, il-ħtiġiet ta' effiċjenza msemmija fl-Artikolu 5(1) jirrigwardaw il-funzjoni ta' sħana biss.

Artikolu 4

▼M1

1. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirristrinġu jew ifixklu t-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz fi ħdan it-territorji tagħhom ta' strumenti u kaldaruni li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u li għandhom l-immarkar CE li hemm provdut għalih fl-Artikolu 7 li jaffermaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva li jinkludu proċeduri ta' stima ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 7 u 8, għajr jekk mhux stabbilit b'mod ieħor fit-Trattat jew Direttivi oħra jew dispożizzjonijiet tal-Komunità.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li l-kaldaruni ma jintużawx sakemm ma jissodisfawx l-ħtiġiet ta' effiċenza stipulati fl-Artikolu 5(1) u l-kondizzjonijiet għal użu li l-Istati Membri jistgħu jistipulaw fuq il-bażi ta' kondizzjonijiet lokali klimatiċi u l-karatteristiċi ta' enerġija u ta' okkupanza tal-bini.

3. Iżda, l-Istati Membri fejn kaldaruni ta' fuq wara u kaldaruni disinjati biex jiġu installati fiż-żona ta' l-għijxien huma komunament installati fid-data ta' meta tiġi adottata din id-Direttiva, għandhom ikomplu jawtorizzaw l-użu tagħhom, b'dan illi l-effiċjenza tagħhom kemm fir-rigward tal-produzzjoni ratata u fi 30 % ta' tagħbija parzjali ma tkunx iktar minn 4 % taħt il-ħtiġiet stipulati fl-Arikolu 5 (1) għall-kaldaruni standard.

4. L-effetti tad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu sorvelljati l-ħin kollu mill-Kummissjoni u analizzati fir-rapport li għandu jingħata taħt l-Artikolu 10. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinbħatu lill-Kumissjoni kull informazzjoni li hija trid tibgħat lill-Kunsill għall-emendi proposti, stipulati f'dak l-Artikolu, u disinjati

▼B

biex jiggarantixxu f'kull każ l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-moviment liberu ta' kaldaruni fil-Komunità.

▼M1

5. (a) Fejn il-kaldaruni huma soġġetti għal Direttivi oħra li jikkonċernaw aspetti oħra u li jipprovdu wkoll għat-twaħħil ta' l-immarkar CE, dan ta' l-aħħar għandu jindika li l-kaldaruni in kwistjoni huma preżunti wkoll li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi l-oħra.

(b) Iżda, fejn waħda jew aktar minn dawn id-Direttivi jippermettu lill-manifattur, waqt perjodu ta' transizzjoni, li jagħżel liema arranġamenti japplika, l-immarkar CE għandu jindika l-konformità mad-Direttivi applikati mill-manifattur biss. F'dan il-każ, id-dettalji tad-Direttivi applikati, kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom jingħataw fid-dokumenti, notifiki jew struzzjonijiet meħtieġa mid-Direttivi u li jakkumpanjaw lill-kaldaruni.

▼B

Artikolu 5

1. Il-kaldaruni għandhom iħarsu l-ħtiġiet li ġejjin ta' effiċjenza utli:

— fi produzzjoni ratata, jiġifieri li joperaw bi produzzjoni ratata Pn espressa bħala kW, b'temperatura medja ta' l-ilma tal-kaldaruni ta' 70 °C,

u

— tagħbija parzjali, jiġifieri li joperaw b'tagħbija parzjali ta' 30 %, b'temperatura medja ta' l-ilma tal-kaldarun li tvarja skond it-tip ta' kaldarun.

Il-ħtiġiet ta' effiċjenza utli li għandhom jiġu mħarsa jinsabu elenkati fil-lista li ġejja:

Tip ta' kaldarun	Marġni ta' produzzjoni ta' enerġija	Effiċjenza bi produzjoni ratata		Effiċjenza b'tagħbija parzjali	
	kW	Temperatura ta' l-ilma tal-bojler (bħala °C)	Effiċjenza meħtieġa espressa (bħala %)	Temperatura medja ta' l-ilma tal-kaldarun (bħala °C)	Ħtieġa ta' l-effiċjenza espressa (bħala %)
Kaldaruni standard	4 sa 400	70	≥ 84 + 2 logPn	≥ 50	≥ 80 + 3 logPn
Kaldaruni ta' temperatura baxxa (*)	4 sa 400	70	≥ 87,5 +1,5 logPn	40	≥ 87,5 +1,5 logPn
Kaldaruni li jikkondensaw bil-gass	4 sa 400	70	≥ 91 +1 logPn	30 (**)	≥ 97 +1 logPn

(*) Inklużi kaldaruni li jikkondensaw li jużaw karburanti likwidi.
(**) Temperatura tal-provvista ta' l-ilma tal-kaldarun.

2. L-istandards armonizzati li għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, imħejjija taħt mandat mill-Kummissjoni skond id–Direttiva 83/189/KEE u 88/182/KEE [1] għandhom jistabbilixxu, fost affarijiet oħrajn, il-metodi ta' verifikazzjoni validi għall-produzzjoni u għall-kejl. Tolleranzi xierqa għandhom jiġu inkorporati fil-livelli ta' effiċjenza.

[1] ĠU L 81, 26.3.1988, p. 75.

▼M3

———————

▼B

Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom iqisu li kaldaruni li jikkonformaw ma' l-istandards armonizzati, li n-numri ta' referenza tagħhom ikun ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri jkun ppubblikaw in-numri ta' referenza ta' l-istandards nazzjonali li jirrtrasponu dawk l-istandards armonizzati, li jkun f'konformità mal-ħtiġiet essenzjali ta' effiċjenza stipulati fl-Artikolu 5(1). Dawn il-kaldaruni għandhom juru ►M1 immarkar CE ◄ msemmija fl-Anness 1, taqsima 1, u għandu jiġu akkumpanjati b'dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE.

2. Il-konformità ta' kaldaruni manifatturati f'serje għandha tiġi ċertifikata minn:

— eżami ta' l-effiċjenza tat-tip ta' kaldarun skond il-modulu B kif deskritt fl-Anness III,

— dikjarazzjoni ta' konformità mat-tip approvat b'mod konformi mal-modulu Ċ, D jew E kif deskritt fl-Anness IV.

Fir-rigward ta' kaldaruni li jaħarqu karburanti gassużi, il-proċeduri sabiex tiġi evalwata l-konformità tagħhom għandhom ikunu dawk użati biex jevalwaw il-konformità mal-ħtiġiet tas-sigurta' stipulati fid-Direttiva 90/396/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x' jaqsmu ma' apparat li jaħraq karburanti gassużi.

3. Meta apparati li jkunu *marketed* separatament jitqiegħdu fis-suq, dawn għandhom juru ►M1 immarkar CE ◄ u għandhom jiġu akkumpanjati b'dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE, li tiddefinixxi l-parametri li jippermettulhom li jiksbu wara l-irmuntar il-livelli ta' effiċjenza utli stipulati fl-Artikolu 5(1).

▼M1

4. L-immarkar ta' konformità CE mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u mad-dispożizzjonijiet l-oħra li jikkonċernaw l-għoti ta' l-immarkar CE, u anki l-iskrizzjonijiet speċifikati fl-Anness I, għandhom jitwaħħlu mal-kaldaruni b'mod li jidher, li jinqara faċilment u li ma jitħassarx. It-twaħħil ta' kull immarkar fuq dawn il-prodotti li jaf iqarraq b'terzi persuni fejn jidħol it-tifsir u l-forma ta' l-immarkar CE għandu jiġi projbit. Tista' titwaħħal kull marka oħra mal-kaldaruni u strumenti sakemm il-visibilità u l-leġibilità ta' l-immarkar CE ma jkunux b'hekk imnaqqsa.

5. (a) Fejn Stat Membru jew korp notifikat jistabbilixxi li l-immarkar CE ġie mwaħħal bla raġuni, il-manifattur jew l-aġent tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità għandu jkun obbligat li jagħmel il-kaldarun konformi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-immarkar CE u li jwaqqaf il-ksur tar-regolament taħt il-kondizzjonijiet imposti mill-Istat Membru;

(b) fejn in-nuqqas ta' konformità jissokta, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jirristrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodott in kwistjoni jew li jiżgura li jitneħħa mis-suq, u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

▼B

Artikolu 8

▼M1

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi li huma nnominaw sabiex iwettqu l-proċeduri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7 flimkien ma' xogħlijiet speċifiċi

▼M1

li dawn il-korpi ġew nominati sabiex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni assenjati lilhom minn qabel mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* lista tal-korpi notifikati flimkien man-numri ta' identifikazzjoni tagħhom u x-xogħlijiet li għalihom ġew notifikati. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-lista tinżamm aġġornata.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-kriterji minimi stipulati fl-Anness V għall-ħatra ta' dawn il-korpi. Il-korpi li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-istandards armonizzati korrispondenti għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-kriterji stipulati f'dak l-Anness.

3. Stat Membru li jkun innotifika korp partikolari għandu jirtira dik in-notifikazzjoni jekk isib li l-korp konċernat ma jissodisfax il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2. Huwa għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill- Kummissjoni u għandu jirtira n-notifika.

Artikolu 9

1. Sa l-ta' Jannar 1993, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jgħarrfu bihom minnufih lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 1994.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'referenza ta' dan it-tip malli jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

2. Sal-31 ta' Diċembru 1997, l-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' apparat li jikkonforma mar-regoli nazzjonali u l-iskemi fis-seħħ fit-territorji tagħhom fid-data ta' meta tiġi adottata din id-Direttiva.

Artikolu 10

Tlett snin wara l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati miksuba. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għal kull bidliet li għandhom isiru f'din id-Direttiva fid-dawl ta' dawk ir-riżultati u ta' l-avvanzi fit-teknoloġija.

▼M3

Artikolu 10a

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżura ta' implimentazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija ([1]), f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-effiċenza fl-enerġija waqt l-użu, skond dik id-Direttiva, u tista' tiġi emendata jew imħassra ►M4 skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2005/32/KE ◄.

▼B

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 191, tat-22.7.2005, p. 29.


▼M1

ANNESS I

IMMARKAR TA' KONFORMITÀ CE U MMARKAR ADDIZZJONALI SPEĊIFIKU

1. **Immarkar ta' konformità CE**

L-immarkar ta' konformità CE għandu jkun magħmul mill-inizjali "CE" li jieħdu l-forma segwenti:



— Jekk il-marka CE tiġi mċekkna jew imkabbra, il-proporzjonijiet mogħtija fid-disinn gradwat ta' hawn fuq għandhom jiġu rispettati.

— Il-komponenti varji ta' l-immarkar CE għandu jkollhom sostanzjalment l-istess dimensjoni vertikali li ma tistax tkun anqas minn 5 mm.

▼M3

_____

_____

▼B

ANNESS III

Modulu B: Eżami tat-tip KE

1. Dan il-modulu jiddeskrivi dik il-parti tal-proċedura li permezz tagħha l-korp notifikat jista' jivverifika u jiċċertifika li kampjun, li huwa rappresentattiv tal-produzzjoni maħsuba, jissodisfa d-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva.

2. L-applikazzjoni għall-eżami tat-tip KE tintbagħat mill-manifattur jew mir-rappreżentant tiegħu stabbilit fil-Komunità lill-korp notifikat ta' l-għażla tiegħu.

   L-applikazzjoni għandha tinkludi:

   — l-isem u l-indirizz tal-manifattur, jekk l-applikazzjoni tintbagħat mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz b'żieda ma',

   — dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazjoni ma tkunx intbagħtet lil xi korp notifikat ieħor,

   — id-dokumenti tekniċi, kif deskritti fis-taqsima 3.

   L-applikant għandu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-korp notifikat eżempju kampjun rappresentattiv tal-produzzjoni maħsuba, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "tip". Il-korp notifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk dawn ikunu meħtieġa għat-twettiq tat-test tal-programm.

3. Id-dokumenti tekniċi għandhom jippermettu li ssir evalwazzjoni tal-konformità ta' l-apparat mal-ħtiġiet tad-Direttiva. Dawn għandhom, sal-limitu li huwa relevanti għal din l-evalwazzjoni, ikopru d-disinn, il-manifattura u t-tħaddim ta' l-apparat, u għandu ikun fihom, sal-limitu li jkun relevanti għall-evalwazzjoni:

   — deskrizzjoni ġenerali tat-tip,

   — tpinġijiet konċettwali tad-disinn u tal-manifattura u diagrammi tal-komponenti, sub- immuntar, ċirkwiti, eċċ.,

   — id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet meħtieġa sabiex wieħed jifhem it-tpinġijiet u d-diagrammi u kif jaħdem il-prodott,

   — lista ta' l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5(2), applikati bi sħiħ jew f'parti, u deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet addottati sabiex jiġu mħarsa l-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva fejn l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5 ma jkunux ġew applikati,

   — ir-riżultati ta' kalkoli magħmula fuq id-disinn, l-eżamijiet imwettqa, eċċ.,

   — rapporti tat-testijiet.

4. Il-korp notifikat għandu:

   4.1. jeżamina d-dokumenti tekniċi, jivverifika li t-tip ikun ġie manifatturat b'mod konformi ma' dawk id-dokumenti, u jidentifika l-elementi li jkunu ġew iddisinjati b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5(2), kif ukoll il-komponenti li jkunu ġew iddisinjati mingħajr ma jkunu ġew applikati d-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawk l-istandards;

   4.2. jagħmel jew ikun għamel l-eżamijiet u t-testijiet meħtieġa sabiex jikkontrolla jekk, f'każ li ma jkunux ġew applikati l-istandards imsemmija fl-Artikolu 5(2), is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva;

   4.3. jagħmel jew ikun għamel l-eżamijiet u t-testijiet meħtieġa sabiex jivverifika jekk, f'kas li l-manifattur ikun għażel li japplika l-istandards relevanti, dawn ikunux attwalment ġew applikati;

   4.4. jiftiehem ma' l-applikant dwar il-post fejn għandhom isiru l-eżamijiet u t-testijiet meħtieġa.

5. Meta t-tip jissodisfa d-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva, l-korp notifikat joħroġ ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat juri l-isem u l-indirizz tal-manifattur, il-konklużjoni ta' l-eżami u l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

   Lista tal-partijiet relevanti tad-dokumenti tekniċi hija annessa maċ-ċertifikat u għandha tinżamm kopja mill-korp notifikat.

▼B

Jekk il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fil-Komunità jiġi miċħud ċertifikat tat-tip, il-korp notifikat għandu jagħti r-raġunijiet dettaljati għal din iċ-ċaħda.

Għandu jsiru provvedimenti dwar proċedura ta' appell.

6. L-applikant jinforma lill-korp notifikat li jżomm id-dokumenti tekniċi li jirrigwardaw iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-KE, dwar il-modifikazzjonijiet kollha għall-applikazzjoni approvata li trid tirċievi approvazzjoni addizzjonali kull meta dawn il-bidliet jistgħu jaffettwaw il-konformità mal-ħtiġiet essenzjali jew mal-kondizzjonijiet preskritti għall-użu tal-prodott. Din l-approvazjoni addizzjonali hija mogħtija fil-forma ta' żieda maċ-ċertifikat oriġinali ta' l-eżami tat-tip tal-KE.

7. Kull korp notifikat għandu jikkomunika lill-korpi notifikati l-oħrajn l-informazzjoni relevanti li tirrigwarda ċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip KE u ż-żidiet maħruġa u rtirati.

8. Il-korpi notifikati l-oħrajn jistgħu jirċievu kopji taċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip tal-KE u/jew taż-żiediet tagħhom. L-Annessi li jinsabu maċ-ċertifikati għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-korpi notifikati l-oħrajn.

9. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu iżomm mad-dokumenti tekniċi kopji taċ-ċertifikati ta' l-eżami tat-tip KE u ż-żidiet tagħhom għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin wara l-aħħar data ta' manifattura tal-prodott konċernat.

Jekk la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkun stabbilit fil-Komunità, l-obbligazzjoni li jinżammu disponibbli d-dokumenti tekniċi hija r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità.

▼B

ANNESS IV

Modulu Ċ: Konformità mat-tip

1. Dan il-modulu jiddeskrivi dik il-parti tal-proċedura li permess tagħha l-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jiżgura u jiddikjara li l-apparati konċernati jikkonformaw mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE, u jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom. ►**M1** Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità għandu jwaħħal l-immarkar CE fuq kull strument u għandu jifformola dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. ◄

2. Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassigura li l-proċess ta' manifattura jassigura li l-apparati manifatturati jikkonformaw mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE u mal-ħtiġiet ta' effiċjenza tad-Direttiva.

3. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu iżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin wara l-aħħar data ta' manifattura tal-prodott konċernat.

   Jekk la l-manifatturjew lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkun stabbiliti fil-Komunità, l-obbligazzjoni li jinżammu disponibbli d-dokumenti tekniċi hija r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità.

4. Korp notifikat magħżul mill-manifattur għandu jwettaq jew għandu jkun wettaq l-eżamijiet tal-prodott f'intervalli kif jiġi jiġi. Kampjun addattat tal-prodotti finali, meħuda fuq il-post mill-korp notifikat, għandu jiġi eżaminat u testijiet xierqa, kif definiti skond l-istandard jew standards applikabbli msemmija fl-Artikolu 5(2) jew testijiet ekwivalenti għandhom isiru sabiex tiġi kontrollata l-konformità tal-prodott mal-ħtiġiet tad-Direttiva relattiva. F'kas li kampjun wieħed jew iżjed minn dawk eżaminati ma jikkonformax, il-korp notifikat għandu jieħu l-miżuri xierqa.

Modulu D: Assigurazzjoni tal-kwalità tal-produzzjoni

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permess tagħha l-manifattur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet tat-taqsima 2 jassigura u jiddikjara li l-apparati konċernati jikkonformaw mat-tip, skond kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' eżamii tat-tip KE, u li jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. ►**M1** Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità għandu jwaħħal l-immarkar CE fuq kull strument u għandu jifformola dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. L-immarkar CE huwa akkumpanjat min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għall-investigazzjonijiet li hemm referenza għalihom fit-Taqsima 4. ◄

2. Il-manifattur għandu jħaddem sistema ta' kwalità approvata ta' produzzjoni, spezzjoni u testijiet finali ta' l-apparat kif speċifikat fit-taqsima 3. Huwa soġġett għall-verifiki msemmija fit-taqsima 4.

3. *Sistema ta' kwalità*

3.1. Il-manifattur jippresenta applikazzjoni għall-evalwazzjoni tas-sistema ta' kwalità tiegħu, lill-korp notifikat li jagħżel hu stess, għall-apparati konċernati.

   L-applikazjoni għandha tinkludi:

   — l-informazzjoni relevanti kollha għall-kategorija ta' apparati maħsuba,

   — id-dokumenti li jirrigwardaw is-sistema ta' kwalità,

   — id-dokumenti tekniċi li għandhom x'jaqsmu mat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE.

3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura l-konformità ta' l-apparati mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE u mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li japplikaw għalihom.

   L-elementi, il-ħtiġiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom jiġu dokumentati b'mod sistematiku u ordinat fil-forma ta' dikjarazzjonijiet ta' politika, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità għandhom jippermettu interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, tal-pjanijiet, tal-manwali u tar-rekords ta' kwalità.

   Għandu jkun fiha b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

▼B

— l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura, ir-responsabbiltajiet u l-poteri ta' l-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' l-istrumenti,

— il-metodi tat-teknika tal-manifattura, tal-kontroll ta' kwalità u ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi li sejrin jintużaw,

— l-eżamijiet u t-testijiet li sejrin jiġu mwettqa qabel, matul u wara l-manifattura, kif ukoll il-frekwenza li biha għandhom jiġu mwettqa,

— ir-rekords tal-kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u tagħrif dwar it-testijiet, tagħrif dwar il- kalibrazzjoni, rapporti tal-kwalifikazzjoni ta' l-impjegati konċernati, eċċ.,

— il-mezzi ta' sorveljar għall-kisba tal-kwalità meħtieġa ta' l-apparat u t-tħaddim effettiv tas-sistema ta' kwalità.

3.3. Il-korp notifikat għandu jevalwa s-sistema ta' kwalità sabiex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġiet msemmija fit-taqsima 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawk il-ħtiġiet fir-rigward ta' sistemi ta' kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat relevanti. Il-grupp ta' awdituri għandu ikollu ta' mill-inqas membru wieħed li jkollu esperjenza meta tiġi evalwata t-teknoloġija relevanti tal-prodott. Il-proċedura ta' evalwazzjoni tinkludi żjara ta' spezzjoni fil-fond tal-manifattur.

Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-manifattur. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni ta' evalwazzjoni debitament sostanzjata.

3.4. Il-manifattur għandu jimpennja ruħu li jissodisfa l-obbligazzjonijiet li joħorġu mis-sistema ta' kwalità kif approvata, u li jżommha f'livell adegwat u effiċjenti.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu iżomm lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità nfurmat dwar kull bidla proposta fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jevalwa l-bidliet proposti u għandu jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità mibdula tibgħax tissodisfa l-ħtiġiet msemmija f'3.2 jew jekk hux meħtieġa ri- evalwazzjoni.

Huwa għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifikazzjoni għandu kun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni ta' evalwazzjoni sostanzjata.

4. *Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat.*

4.1. L-iskop tas-sorveljanza hu li jiġi żgurat li l-manifattur debitament iwettaq l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema ta' kwalità approvata.

4.2. Il-manifattur għandu jippermetti lill-korp notifikat l-aċċess għall-għanijiet ta' spezzjoni għall-post tal-manifattura, spezzjoni, ta' fejn isiru t-testijiet, u tal-ħażna, u għandu jipprovdih bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità,

— ir-rekords ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u tagħrif dwar it-testijiet, tagħrif dwar il- kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifikazzjoni ta' l-impjegati konċernati, eċċ.,

4.3. Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq verifika biex jassigura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovdi rapport tal-verifika lill-manifattur.

4.4. B'żieda, l-korp notifikat jista' jagħmel żjarat mhux imħabbra lill-manifattur. Waqt dawn iż-żjarat il-korp notifikat jista' jwettaq testijiet jew iġiegħel li jitwettqu biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità tkun qiegħda taħdem sew; fejn meħtieġ, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport taż-żjara u, jekk ikun sar test, b'rapport tat-test.

5. Il-manifattur għandu, għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin wara l-aħħar data ta' manifattura tal-prodott, iżomm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

— id-dokument imsemmi fit-tieni inċiż ta' 3.1,

— l-aġġornar imsemmi fit-tieni paragrafu ta' 3.4,

▼B

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li huma msemmija fil-paragrafu finali ta' 3.4, u fi 4.3 u 4.4.

6. Kull korp notifikat għandu jagħti lill-korpi notifikati l-oħrajn l-informazzjoni relevanti li tirrigwarda l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità maħruġa u rtirati.

Modulu E: Assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permess tagħha l-manifattur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet tat-taqsima 2 jassigura u jiddikjara li l-kaldaruni u l-apparati konċernati jikkonformaw mat-tip, skond kif huwa deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip KE. ►**M1** Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità għandu jwaħħal l-immarkar CE fuq kull kaldarun u strument u għandu jifformola dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub. L-immarkar CE għandu jiġi akkumpanjat min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għall-inivestigazzjonijiet li hemm referenza għalihom fit-Taqsima 4. ◄

2. Il-manifattur għandu iħaddem sistema ta' kwalità approvata għall-ispezzjoni u l-ittestjar finali tal-kaldarun u ta' l-apparati kif speċifikat fit-taqsima 3. Huwa għandu jkun soġġett għall-verifiki msemmija fit-taqsima 4.

3. *Sistema tal-kwalità*

3.1. Il-manifattur jippresenta applikazzjoni lill-korp notifikat ta'l-għażla tiegħu għall-evalwazzjoni tas-sistema ta' kwalità, għall-kaldaruni u għall-apparati tiegħu.

L-applikazjoni għandha tinkludi:

— l-informazzjoni kollha relevanti għall-kategorija ta' kaldarun jew apparat maħsuba,

— id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità,

— id-dokumenti tekniċi li għandhom x' jaqsmu mat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat ta' l-eżami tat-tip tal-KE.

3.2. Taħt is-sistema ta' kwalità, kull kaldarun jew apparat jiġi eżaminat u testijiet xierqa kif definiti fl-istandard/s relevanti msemmija fl-Artikolu 5 jew testijiet ekwivalenti għandhom jitwettqu sabiex tiġi verifikata l-konformità tagħhom mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva. L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-dispożizzjonijiet adottati mill-manifattur għandhom jiġu dokumentati b'mod sistematiku u ordinat fil-forma ta' dikjarazzjonijiet ta' politika, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti li l-programm, il-pjanijiet, il-manwali u r-rekords ta' kwalità jiġu interpretati b'mod uniformi.

B'mod partikolari, għandu jkun fihom deskrizzjoni adegwata ta':

— l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura ta' l-organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat ta' l-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-prodott,

— l-eżami u t-testijiet li għandhom jiġu mwettqa wara l-manifattura,

— il-mezz ta' kif għandha tiġi sorveljata l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità,

— ir-rekords ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni li tirriżulta minn tagħrif dwar it-testijiet, tagħrif dwar il-kalibrazzjoni, rapporti ta' kwalifikazzjoni ta' l-impjegati konċernati, eċċ.,

3.3. Il-korp notifikat għandu jevalwa s-sistema ta' kwalità sabiex jistabbilixxi jekk ikunx jissodisfa l-ħtiġiet msemmija fit-taqsima 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma' dawk il-ħtiġiet fir-rigward tas-sistemi ta' kwalità li jimplimentaw l-istandard armonizzat relevanti.

Il-grupp ta' awdituri jrid ikollu ta' mill-inqas membru wieħed li jkollu esperjenza meta tiġi evalwata t-teknoloġija relevanti tal-prodott. Il-proċedura ta' evalwazzjoni għandha tinkludi żjara ta' spezzjoni fil-fond tal-manifattur.

Il-manifattur għandu jiġi notifikat bid-deċiżjoni. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni ta' evalwazzjoni sostanzjata.

▼B

3.4. Il-manifattur għandu jimpenja ruħu li jissodisfa l-obbligazzjonijiet li joħorġu mis-sistema ta' kwalità kif approvata, u li jżommha f'livell adegwat u effiċjenti.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità nfurmat dwar kull bidla proposta fis-sistema ta' kwalità.

Il-korp notifikat għandu jevalwa l-bidliet proposti u għandu jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità mibdula tistgħax tissodisfa l-ħtiġiet msemmija f'3.2 jew jekk hijiex meħtieġa ri- evalwazzjoni.

Huwa għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ta' l-eżami u d-deċiżjoni ta' evalwazzjoni sostanzjata.

4. *Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat.*

4.1. L-iskop tas-sorveljanza hu li jiġi żgurat li l-manifattur debitament iwettaq l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema ta' kwalità approvata.

4.2. Il-manifattur għandu jippermetti li l-korp notifikat ikollu aċċess għal skopijiet ta' spezzjoni fil-fond ta' spezzjoni, ta' l-ittestjar u tal-ħażna u li jipprovdih bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumenti tas-sistema ta' kwalità,

— id-dokumenti tekniċi,

— ir-rekords ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u tagħrif dwar it-testijiet, tagħrif dwar il- kalibrazzjoni, rapporti tal-kwalifikazzjoni ta' l-impjegati konċernati, eċċ.,

4.3. Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq verifiki sabiex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovdi rapport tal-verifiki lill-manifattur.

4.4. B'żieda, l-korp notifikat jista' jagħmel żjarat mhux imħabbra lill-manifattur. Matul dawn iż- żjarat il-korp notifikat jista' jagħmel testijiet jew iġeigħel li dawn jitwettqu sabiex jivverifika li s-sistema ta' kwalità tkun qiegħda taħdem sew; fejn meħtieġ, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport taż-żjara u, jekk ikun sar test, b'rapport tat-test.

5. Il-manifattur għandu, għal perjodu ta' mill-inqas 10 snin wara l-aħħar data tal-manifattura tal-kaldarun jew apparat, iżomm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

— id-dokumenti msemmija fit-tieni inċiż ta' 3.1,

— il-bidliet imsemmija fit-tieni paragrafu ta' 3.4,

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li huma msemmija fil-paragrafu finali ta' 3.4, u fl- 4.3 u 4.4.

6. Kull korp notifikat għandu jibgħat lill-korpi notifikati l-oħrajn l-informazzjoni relevanti li tirrigwarda l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità maħruġa u rtirati.

▼B

ANNESS V

Il-kriterji minimi li għandu jingħata kont tagħhom mill-Istati Membri għan-notifikazzjoni tal-korpi.

1. Il-korp, id-direttur tiegħu u l-impjegati responsabbli biex iwettqu t-testijiet ta' verifikazzjoni ma jistgħux ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur jew il-persuna responsabbli għall-installazzjoni ta' l-apparati li jispezzjonaw, u l-anqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Ma jistgħux jinvolvu ruħhom direttament jew bħala rappreżentanti awtorizzati fid-disinn, fil-kostruzzjoni, fit-tqegħid fis-suq jew fil-manutenzjoni ta' dawn il-kaldaruni jew apparati. Dan ma jipprekludix il-possibiltà li jsir bdil ta' informazzjoni teknika bejn il-manifattur u l-korp.

2. Il-korp u l-impjegati tiegħu għandhom iwettqu t-testijiet ta' verifikazzjoni bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni jew suġġerimenti, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom tar-riżultati ta' l-ispezzjoni, speċjalment minn persuni jew minn gruppi ta' persuni li għandhom interess fir-riżultat tal-verifikazzjonijiet.

3. L-organu għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-impjegati meħtieġa u għandu jipposjedi l-faċilitajiet meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq sew id-dmirijiet amministrattivi u tekniċi marbuta mal-verifikazzjoni; għandu jkollu aċċess ukoll għall-apparat meħtieġ għall-verifikazzjoni speċjali.

4. L-impjegati responsabbli għal spezzjoni għandu jkollhom:

   — taħriġ tekniku u professjonali sod,

   — għarfien sodisfaċenti tal-ħtiġiet tat-testijiet li jwettqu u l-esperjenza adegwata ta' dawk it-testijiet,

   — il-kapaċità li jħejju ċ-ċertifikati, ir-rekords u r-rapporti meħtieġa sabiex jawtentikati it-twettieq ta' dawk it-testijiet.

5. L-imparzjalità ta' l-impjegati ta' spezzjoni għandha tiġi garantita. Il-ħlas tagħhom m' għandux jiddependi fuq in-numru ta' testijiet imwettqa jew fuq ir-riżultati ta' dawk it-testijiet.

6. Il-korp għandu jagħmel assigurazzjoni dwar ir-responsabbiltà, ħlief jekk ir-responsabbiltà tiegħu taqa' fuq l-Istat skond il-liġi nazzjonali, jew jekk l-Istat Membru nnifsu jkun direttament responsabbli għat-testijiet.

7. L-impjegati tal-korp għandhom ikunu marbuta li josservaw s-segretezza professjonali (ħlief fir-rigward ta' l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istat li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu) taħt din id Direttiva jew kull dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali li tagħtiha effett.